

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 50

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66

17 ta' Frar 2023

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/362 tal-14 ta' Frar 2023 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar ċerti dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għas-servizzi tal-ajru** 1

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/363 tal-31 ta' Ottubru 2022 li jemenda u jikkoreġi l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2022/1288 fir-rigward tal-kontenut u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni fir-rigward tad-divulgazzjonijiet f'dokumenti prekontrattwali u rapporti perjodiċi għal prodotti finanzjarji li jinvestu f'attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli ⁽¹⁾** 3
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/364 tas-16 ta' Frar 2023 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "IPA Family 1" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾** 28
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/365 tas-16 ta' Frar 2023 li jtemm l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Ukrajna** 56
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/366 tas-16 ta' Frar 2023 dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737 bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ tas-simna, għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd u għal speċijiet minuri ta' tjur għajr għal skopijiet ta' bajd, u l-awtorizzazzjoni tagħha għall-għasafar ornamental, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 306/2013, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 787/2013, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1020, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2276 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 107/2010 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 885/2011 (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Kemin Europa N. V.) ⁽¹⁾** 59

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

- ★ Deċiżjoni (UE) 2023/367 tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2023 dwar il-prorogazzjoni tat-tul tal-mandat tal-Kumitat ta' Inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaggħ għas-sorveljanza ekwivalenti 65

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/362

tal-14 ta' Frar 2023

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar ċerti dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għas-servizzi tal-ajru

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Ġunju 2003 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi rigward is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim fil-livell tal-Unjoni.
- (2) Il-Kummissjoni nneozjat, f'isem l-Unjoni, Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar ċerti dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjaljar tal-Ftehim fl-21 ta' Settembru 2022.
- (3) L-oġġettiv tal-Ftehim huwa li l-ftehimiet bilaterali dwar servizzi tal-ajru bejn 13-il Stat Membru u l-Ġappun jiġu jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni.
- (4) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar ċerti dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim") huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim ⁽¹⁾.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

⁽¹⁾ It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
E. SVANTESSON

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/363

tal-31 ta' Ottubru 2022

li jemenda u jikkoreġi l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2022/1288 fir-rigward tal-kontenut u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni fir-rigward tad-divulgazzjonijiet f'dokumenti prekuntrattwali u rapporti perjodiċi għal prodotti finanzjarji li jinvestu f'attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 8(4), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 9(5), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 9(6), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 10(2), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 11(4), ir-raba' subparagrafu, u l-Artikolu 11(5), ir-raba' subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 ⁽²⁾ jistabbilixxi d-dettalji tal-kontenut u tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni fir-rigward tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Jispeċifika wkoll il-kontenut, il-metodoloġiji u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni fir-rigward tal-indikaturi tas-sostenibbiltà u l-impatti negattivi fuq is-sostenibbiltà u l-kontenut u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni li għandha tingħata f'dokumenti prekuntrattwali, fuq is-siti web u f'rapporti perjodiċi, fir-rigward tal-promozzjoni tal-karatteristiċi ambjentali jew soċjali u l-għanijiet ta' investiment sostenibbli tal-prodotti finanzjarji. Barra minn hekk, fir-rigward tal-prodotti finanzjarji li jinvestu f'attivitajiet ekonomika li tikkontribwixxi għal objettiv ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (17), tar-Regolament (UE) 2019/2088, ir-Regolament Delegat (UE) 2022/1288 jispeċifika wkoll l-informazzjoni dwar il-grad ta' allinjament mat-tassonomija li għandha tiġi ddivulgata fid-dokumenti prekuntrattwali u fir-rapporti perjodiċi.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1214 ⁽³⁾, b'referenza partikolari għas-setturi tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari, ġie adottat fid-9 ta' Marzu 2022.
- (3) Il-Kummissjoni stiednet lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej biex b'mod konġunt jipproponu emendi fir-Regolament Delegat (UE) 2022/1288 fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'dokumenti prekuntrattwali, fuq siti web, u f'rapporti perjodiċi dwar l-esponiment ta' prodotti finanzjarji għal investimenti f'attivitajiet tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari.

⁽¹⁾ ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288 tas-6 ta' April 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-kontenut u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni b'rabta mal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti", li jispeċifikaw il-kontenut, il-metodoloġiji u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni b'rabta mal-indikaturi tas-sostenibbiltà u l-impatti avversi fuq is-sostenibbiltà, u l-kontenut u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni b'rabta mal-promozzjoni tal-karatteristiċi ambjentali jew soċjali u l-objettivi ta' investiment sostenibbli f'dokumenti prekuntrattwali, fuq siti web u f'rapporti perjodiċi (ĠU L 196, 25.7.2022, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1214 tad-9 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi f'ċerti setturi tal-enerġija u r-Regolament Delegat (UE) 2021/2178 fir-rigward ta' divulgazzjonijiet pubbliċi speċifiċi għal dawn l-attivitajiet ekonomiċi (ĠU L 188, 15.7.2022, p. 1).

- (4) Dawn l-emendi huma meħtieġa biex tiżdied it-trasparenza u b'hekk il-parteciċipanti fis-swieq finanzjarji u l-investituri jiġu megħjuna jidentifikaw il-prodotti finanzjarji li jinvestu f'attivitajiet relatati mal-gass fossili u mal-enerġija nukleari li jkunu ambjentalment sostenibbli. L-ġħoti ta' informazzjoni aktar iddettaljata dwar l-investimenti f'dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jippromwovi ukoll il-komparabbiltà tal-informazzjoni ddivulgata lill-investituri. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi pprovduta trasparenza dwar l-investimenti f'attivitajiet relatati mal-gass fossili u mal-enerġija nukleari li jkunu ambjentalment sostenibbli tul il-ħajja kollha tal-prodotti finanzjarji rilevanti, f'dokumenti prekuntrattwali u frapporti perjodiċi. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi inkluża wkoll fid-divulgazzjonijiet tas-sit web. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej innotaw li t-trasparenza dwar l-investimenti fis-setturi u s-sottosetturi relatati mal-attivitajiet tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari hija diġà meħtieġa bħala parti mid-dispożizzjonijiet tar-rapporti perjodiċi skont ir-Regolament Delegat (UE) 2022/1288.
- (5) Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li biex tiskatta l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), huwa irrilevanti jekk prodott finanzjarju jimpenja ruħu li jinvesti f'attivitajiet ekonomiċi li jikkontribwixxu għal objettiv ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (17), tar-Regolament (UE) 2019/2088.
- (6) Barra minn hekk, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej innotaw li kienu meħtieġa żewġ bidliet fil-kontroreferenzi tad-divulgazzjonijiet perjodiċi minħabba li dawn kienu żbaljati.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2022/1288 jiġi emendat u kkoreġut skont dan.
- (8) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomessi lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (l-"Awtoritajiet Superviżorji Ewropej").
- (9) Il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej imsemmi fl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), fl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***) u fl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (****) talab il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni u tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Qasam tal-Pensjonijiet tax-Xogħol stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, u tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.
- (10) L-emendi fir-Regolament Delegat (UE) 2022/1288 huma aġġustamenti limitati fil-qafas regolatorju eżistenti u huma meħtieġa biex il-qafas ta' divulgazzjoni jiġi allinjat mar-Regolament Delegat (UE) 2022/1214, li għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023. Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-emendi u l-ħtieġa li jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-koerenza mal-applikazzjoni tar-Regolamenti Delegati (UE) 2022/1214 u (UE) 2022/1288, kien ikun sproporzjonat għall-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej li jwettqu konsultazzjonijiet pubbliċi jew analiżijiet tal-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati,

(*) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

(**) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

(***) Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

(****) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi fir-Regolament Delegat (UE) 2022/1288

Ir-Regolament Delegat (UE) 2022/1288 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (a), għandu japplika dan kollu li ġej:

(a) il-parteciċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jużaw:

(i) l-istess indikatur ewlieni tal-prestazzjoni għall-investimenti aggregati f'impriżi mhux finanzjarji;

(ii) l-istess indikatur ewlieni tal-prestazzjoni għall-investimenti aggregati fl-istess tip ta' impriżi finanzjarji;

(b) għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jwettqu attivitajiet ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja, l-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni jista' jgħaqqad l-investiment u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tas-sottoskrizzjoni f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2178;

(c) meta l-prodotti finanzjarji jinvestu f'attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli msemmijin fit-Taqsimiet 4.26, 4.27 u 4.28 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2139, jew f'attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli msemmijin fit-Taqsimiet 4.29, 4.30 u 4.31 ta' dawn l-Annessi, ir-rappreżentazzjonijiet grafiċi għandhom juru separatament il-proporzjon tal-investimenti aggregati fi:

(i) attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli msemmijin fit-Taqsimiet 4.26, 4.27 u 4.28 ta' dawn l-Annessi;

(ii) attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli msemmijin fit-Taqsimiet 4.29, 4.30 u 4.31 ta' dawn l-Annessi.”;

(2) L-Artikolu 55 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

“Għall-prodotti finanzjarji msemmijin fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (UE) 2020/852, il-parteciċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jinkludu, fit-taqsimi “X'kien il-proporzjon ta' investimenti relatati mas-sostenibbiltà?”, fil-mudell stabbilit fl-Anness IV, l-informazzjoni kollha li ġejja:”;

(b) fil-paragrafu 2, jiddied il-punt (d) li ġej:

“(d) meta l-prodotti finanzjarji jinvestu matul il-perjodu kopert mir-rapport perjodiku f'attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli msemmijin fit-Taqsimiet 4.26, 4.27 u 4.28 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2139, jew f'attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli msemmijin fit-Taqsimiet 4.29, 4.30 u 4.31 ta' dawn l-Annessi, ir-rappreżentazzjoni grafika għandha turi separatament:

(i) l-aggregat tal-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli msemmijin fit-Taqsimiet 4.26, 4.27 u 4.28 ta' dawn l-Annessi;

(ii) l-aggregat tal-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli msemmijin fit-Taqsimiet 4.29, 4.30 u 4.31 ta' dawn l-Annessi.”;

(3) L-Annessi II u V huma sostitwiti bl-Annessi I u IV ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2***Korrezzjonijiet fir-Regolament Delegat (UE) 2022/1288**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2022/1288 huwa kkoreġut kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 55(1), il-punt (b), il-punt (iv) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“(iv) l-informazzjoni msemija fl-Artikolu 15(3), il-punt (b);”;
- (2) fl-Artikolu 62(1), il-punt (b), il-punt (iv) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“(iv) l-informazzjoni msemija fl-Artikolu 15(3), il-punt (b);”.

*Artikolu 3***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

"ANNEX II

Mudell ta' divulgazzjoni prekuntrattwali għall-prodotti finanzjarji msemmin fl-Artikolu 8, il-paragrafi 1, 2 u 2a tar-Regolament (UE) 2019/2088 u fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu tar-Regolament (UE) 2020/852

Investiment

sostenibbli jfisser investiment f'attività ekonomika li tikkontribwixxi għal objettiv ambjentali jew soċjali, dment li l-investiment ma jagħmilx ħsara sinifikanti lil xi objettiv ambjentali jew soċjali u li l-kumpaniji destinatari ta' investiment isegwu prattiki ta' governanza tajba.

It-Tassonomija tal-UE

hija sistema ta' klassifikazzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) 2020/852, li tistabbilixxi lista ta' **attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli**. Dan ir-Regolament ma jinkludix lista ta' attivitajiet ekonomiċi soċjalment sostenibbli. L-investimenti sostenibbli b'objettiv ambjentali jaf ikunu allinjati mat-Tassonomija jew jaf ma jkunux.

Isem il-prodott: [imla]

Identifikatur ta' entità ġuridika: [imla]

Karatteristiċi ambjentali u/jew soċjali

Dan il-prodott finanzjarju, għandu l-objettiv ta' investiment sostenibbli? [immarka u imla kif rilevanti, iċ-ċifra f'perċentwal tirrappreżenta l-impenn minimu għal investimenti sostenibbli]

 Iva
 Le

Se jkollu **investimenti sostenibbli b'objettiv ambjentali ta' mill-inqas: ___%**

f'attivitajiet ekonomiċi li jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli skont it-Tassonomija tal-UE

f'attivitajiet ekonomiċi li ma jikkwalifikawx bħala ambjentalment sostenibbli skont it-Tassonomija tal-UE

Se jkollu dan il-minimu ta' **investimenti sostenibbli b'objettiv soċjali: ___%**

Ikun jippromwovi karatteristiċi Ambjentali/Soċjali (A/S) u, filwaqt li l-objettiv tiegħu mhuwiex l-investiment sostenibbli, se jkollu proporzjon minimu ta' ___% ta' investimenti sostenibbli

b'objettiv ambjentali f'attivitajiet ekonomiċi li jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli skont it-Tassonomija tal-UE

b'objettiv ambjentali f'attivitajiet ekonomiċi li ma jikkwalifikawx bħala ambjentalment sostenibbli skont it-Tassonomija tal-UE

b'objettiv soċjali

Jippromwovi karatteristiċi A/S, imma **mhux se jagħmel xi investiment sostenibbli**



L-indikaturi tas-sostenibbiltà jkejju kif jinkisbu l-karatteristiċi ambjentali jew soċjali promossi mill-prodott finanzjarju.

Liema karatteristiċi ambjentali u/jew soċjali jippromwovi dan il-prodott finanzjarju? [indika l-karatteristiċi ambjentali u/jew soċjali promossi mill-prodott finanzjarju u jekk għiex indikat parametru referenzjarju għall-finijiet li jinkisbu l-karatteristiċi ambjentali jew soċjali promossi bil-prodott finanzjarju]

- **X'indikaturi tas-sostenibbiltà jintużaw biex jitkejjel il-ksib ta' kull waħda mill-karatteristiċi ambjentali jew soċjali promossi minn dan il-prodott finanzjarju?**

L-impatti avversi prinċipali huma l-aktar impatti negattivi sinifikanti tad-deċiżjonijiet ta' investiment fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà relatati ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u tal-impjegati, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda

● **X'inhuma l-objettivi tal-investimenti sostenibbli li l-prodott finanzjarju għandu l-ħsieb li jwettaq parzjalment u l-investiment sostenibbli kif jikkontribwixxi għal dawn l-objettivi?** [għall-prodotti finanzjarji li jwettqu investimenti sostenibbli, inkludi deskrizzjoni tal-objettivi u kif l-investimenti sostenibbli jikkontribwixxu għall-objettivi tal-investiment sostenibbli. Għall-prodotti finanzjarji msemmijin fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (UE) 2020/852, elenka l-objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament li għalihom jikkontribwixxi l-investiment sostenibbli sottostanti għall-prodott finanzjarju]

● **L-investimenti sostenibbli li l-prodott finanzjarju għandu l-ħsieb li jwettaq parzjalment, kif ma jikkawżawx ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali jew soċjali tal-investiment sostenibbli?** [inkludi deskrizzjoni għall-prodott finanzjarju li għandu l-ħsieb li parzjalment iwettaq investimenti sostenibbli]

— Kif ġew ikkunsidrati l-indikaturi għall-impatti avversi fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà? [inkludi spjegazzjoni ta' kif jitqiesu l-indikaturi għall-impatti avversi fit-Tabella 1 tal-Anness I u kwalunkwe indikatur rilevanti fit-Tabelli 2 u 3 tal-Anness I]

— L-investimenti sostenibbli, kif inhuma allinjati mal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem? Dettalji: [inkludi spjegazzjoni dwar l-allinjament mal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, inkludi l-prinċipji u d-drittijiet stipulati fit-tmien konvenzjonijiet fundamentali identifikati fid-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u fil-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem]

[inkludi dikjarazzjoni għall-prodotti finanzjarji msemmijin fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu tar-Regolament (UE) 2020/852]

It-Tassonomija tal-UE tistabbilixxi l-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti", li skontu l-investimenti allinjati mat-tassonomija ma għandhomx jagħmlu ħsara sinifikanti lill-objettivi tat-Tassonomija tal-UE, u hija akkumpanjata minn kriterji speċifiċi tal-UE.

Il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" japplika biss għal dawk l-investimenti li jkunu sottostanti għall-prodott finanzjarju u li jqisu l-kriterji tal-UE għall-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli. L-investimenti sottostanti għall-porzjon li jifdal ta' dan il-prodott finanzjarju ma jqisux il-kriterji tal-UE għall-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli.

Kwalunkwe investiment sostenibbli ieħor ukoll ma jistax jagħmel ħsara sinifikanti lil xi objettiv ambjentali jew soċjali.



Dan il-prodott finanzjarju, iqis l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà?

■ Iva, _____ [jekk il-prodott finanzjarju jqis l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà, inkludi spjegazzjoni ċara u raġunata ta' kif iqis l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà. Fl-informazzjoni li għandha tiġi divulgata skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2019/2088, indika fejn hija disponibbli l-informazzjoni dwar l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà]

■ Le



Xi strateġija ta' investment isegwi dan il-prodott finanzjarju? [iprovdi deskrizzjoni tal-istrateġija ta' investment u indika kif l-istrateġija hija implimentata fil-proċess ta' investment fuq bażi kontinwa]

L-istrateġija ta' investment tiggwida d-deċiżjonijiet ta' investment ibbażati fuq fatturi bħalma huma l-oġġettivi tal-investment u t-tolleranza tar-riskju.

Prattiki ta' governanza tajbin jinkludu l-istrutturi ta' ġestjoni tajba, ir-relazzjonijiet mal-impjegati, ir-remunerazzjoni tal-persunal u l-konformità mar-regoli tat-taxxa.

- **X'inhuma l-elementi vinkolanti tal-istrateġija ta' investment użati biex jintgħażlu l-investimenti biex tintlaħaq kull karatteristika ambjentali jew soċjali promossa b'dan il-prodott finanzjarju?**
- **X'inhom r-rata minima impenjata biex titnaqqas il-portata tal-investimenti kkunsidrati qabel l-applikazzjoni ta' din l-istrateġija ta' investment?** [inkludi indikazzjoni tar-rata jekk ikun hemm l-impenn li titnaqqas il-portata tal-investimenti b'rata minima]
- **X'inhom l-politika biex jiġu vvalutati l-prattiki ta' governanza tajba tal-kumpaniji destinatarji ta' investment?** [inkludi deskrizzjoni qasira tal-politika biex jiġu vvalutati l-prattiki ta' governanza tajba tal-kumpaniji destinatarji ta' investment]



X'inhom l-allokazzjoni tal-assi ppjanata għal dan il-prodott finanzjarju? [inkludi spjegazzjoni narrattiva tal-investimenti tal-prodott finanzjarju, inkluż il-proporzjon minimu tal-investimenti tal-prodott finanzjarju użat biex jiġu ssodisfati l-karatteristiċi ambjentali jew soċjali promossi mill-prodott finanzjarju f'konformità mal-elementi vinkolanti tal-istrateġija ta' investment, inkluż il-proporzjon minimu ta' investimenti sostenibbli tal-prodott finanzjarju fejn dan il-prodott finanzjarju ikollu l-impenn li jagħmel investimenti sostenibbli, u l-iskop tal-proporzjon li jifdal tal-investimenti, inkluża deskrizzjoni ta' kwalunkwe salvagwardja ambjentali jew soċjali minima]


L-allokazzjoni tal-assi tiddekrivi s-sehem tal-investimenti f'assi speċifiċi.

[daħħal nota għall-prodotti finanzjarji biss imsemmijin fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/852]

L-attivitajiet allinjati mat-tassonomija huma espressi bħala sehem:

- **mill-fatturat** li jirrifletti s-sehem tad-dħul minn attivitajiet ekoloġiċi tal-kumpaniji destinatarji ta' investment
- **min-nefqa kapitali** (CapEx) li turi l-investimenti ekoloġiċi magħmula minn kumpaniji destinatarji ta' investment, pereż. għal tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika.
- **min-nefqa operazzjonali** (OpEx) li tirrifletti l-attivitajiet operattivi ekoloġiċi tal-kumpaniji destinatarji ta' investment.

[inkludi l-kaxxi rilevanti biss, neħħi dawk li huma irrilevanti għall-prodott finanzjarju]



Il-kategorija **#1 Allinjati mal-karatteristiċi A/S** tinkludu l-investimenti tal-prodott finanzjarju użati biex jintlaħqu l-karatteristiċi ambjentali jew soċjali promossi bil-prodott finanzjarju.

Il-kategorija **#2 Oħrajn** tinkludu l-investimenti li jifdal tal-prodott finanzjarju, li la huma allinjati mal-karatteristiċi ambjentali jew soċjali u lanqas ma jikkwalifikaw bħala investimenti sostenibbli.

[inkludi n-nota ta' hawn taħt jekk il-prodott finanzjarju ikollu l-impenn li jagħmel investimenti sostenibbli]

- Il-kategorija **#1 Allinjati mal-karatteristiċi A/S** tkopri:
- Is-sottokategorija **#1A Sostenibbli** tkopri investimenti sostenibbli b'oġġettivi ambjentali jew soċjali.
 - Is-sottokategorija **#1B Karatteristiċi A/S oħrajn** tkopri investimenti allinjati mal-karatteristiċi ambjentali jew soċjali li ma jikkwalifikawx bħala investimenti sostenibbli.

- **L-użu ta' derivattivi, kif jilħaq il-karatteristiċi ambjentali jew soċjali promossi mill-prodott finanzjarju?** [għall-prodotti finanzjarji li jużaw id-derivattivi kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt 29 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 biex jilħaq l-karatteristiċi ambjentali jew soċjali, iddekrivi kif l-użu ta' dawn id-derivattivi jissodisfa dawn il-karatteristiċi]

[daħħal nota għall-prodotti finanzjarji biss imsemmijin fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (UE) 2020/852]

Biex jikkonformaw mat-Tassonomija tal-UE, il-kriterji għall-gass fossili jinkludu limitazzjonijiet fuq l-emissjonijiet u l-bidla għal enerġija rinnovabbli jew għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju sa tmiem l-2035. Għall-enerġija nukleari, il-kriterji jinkludu regoli komprensivi dwar is-sikurezza u l-ġestjoni tal-iskart. L-attivitajiet abilitanti jippermettu direttament attivitajiet oħra li jagħtu kontribut sostanzjali għall-oġettiv ambjentali. L-attivitajiet tranżitorji huma attivitajiet li għalihom għadhom ma jeżistux alternattivi b'livell baxx ta' karbonju u li fost l-oħrajn għandhom livelli tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li jikkorrispondu għall-aqwa prestazzjoni.

[inkludi nota għall-prodotti finanzjarji msemmijin fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (UE) 2020/852 li jinvestu f'attivitajiet ekonomiċi ambjentali li mhumiex attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli]

huma investimenti sostenibbli b'oġettiv ambjentali li ma jqisux il-kriterji għall-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli skont it-Tassonomija tal-UE.



L-investimenti sostenibbli b'oġettiv ambjentali sa liema punt huma allinjati mat-Tassonomija tal-UE?


[inkludi taqsima għall-prodotti finanzjarji msemmijin fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (UE) 2020/852 u inkludi r-rappreżentazzjoni grafika msemmija fl-Artikolu 15(1), il-punt (a) ta' dan ir-Regolament, id-deskrizzjoni msemmija fl-Artikolu 15(1), il-punt (b) ta' dan ir-Regolament, spjegazzjoni ċara kif imsemmi fl-Artikolu 15(1), il-punt (c) ta' dan ir-Regolament, spjegazzjoni narrattiva kif imsemmi fl-Artikolu 15(1), il-punt (d) ta' dan ir-Regolament u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(2) u (3) ta' dan ir-Regolament]

Il-prodott finanzjarju jinvesti f'attivitajiet relatati mal-gass fossili u/jew mal-enerġija nukleari li jikkonformaw mat-Tassonomija tal-UE¹?

Iva: [speċifika hawn taħt kif ukoll id-dettalji fil-graffs tal-kaxxa]
 Iva
 Fil-gass
 fossili FI-enerġija nukleari
 Le

Iż-żewġ graffs ta' hawn taħt juru bl-aħdar il-perċentwal minimu ta' investimenti allinjati mat-Tassonomija tal-UE. Peress li ma teżistix metodoloġija xierqa għad-determinazzjoni tal-allinjament tal-bonds sovrani* mat-tassonomija, l-ewwel graff turi l-allinjament mat-tassonomija b'rabta mal-investimenti kollha tal-prodott finanzjarju inklużi l-bonds sovrani, filwaqt li t-tieni graff turi l-allinjament mat-tassonomija biss fir-rigward tal-investimenti tal-prodott finanzjarju minbarra l-bonds sovrani.

[fil-graffs inkludi biss iċ-ċifri għall-gass fossili u/jew l-enerġija nukleari allinjati mat-Tassonomija kif ukoll id-didaskalija u t-test ta' spjegazzjoni korrispondenti fil-marġni tax-xellug jekk il-prodott finanzjarju jagħmel investimenti fil-gass fossili u/jew fl-enerġija nukleari]



* Għall-fini ta' dawn il-graffs, il-"bonds sovrani" jikkonsistu fl-esponimenti sovrani kollha.

X'inhu s-sehem minimu ta' investimenti f'attivitajiet tranżitorji u abilitanti? [inkludi taqsima għall-prodotti finanzjarji msemmijin fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (UE) 2020/852]



X'inhu s-sehem minimu ta' investimenti sostenibbli b'oġettiv ambjentali li mhumiex allinjati mat-Tassonomija tal-UE?

[inkludi t-taqsima għall-prodotti finanzjarji biss imsemmijin fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (UE) 2020/852 jekk il-prodott finanzjarju jinvesti f'attivitajiet ekonomiċi li mhumiex attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli u spjega

¹ L-attivitajiet relatati mal-gass fossili u/jew dawk nukleari jikkonformaw biss mat-Tassonomija tal-UE meta jikkontribwixxu għal-limitazzjoni tat-tibdil fil-klima (il-"mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima") u ma jagħmlux ħsara sinifikanti lil ebda oġettiv tat-Tassonomija tal-UE - ara n-nota ta' spjegazzjoni fil-marġni tax-xellug. Il-kriterji sħaħ għall-attivitajiet ekonomiċi tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari li jikkonformaw mat-Tassonomija tal-UE huma stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1214.

għaliex il-prodott finanzjarju jinvesti f'investimenti sostenibbli b'objettiv ambjentali f'attivitajiet ekonomiċi li mhumiex allinjati mat-tassonomija]



X'inhu s-sehem minimu ta' investimenti soċjalment sostenibbli? *[inkludi t-taqsima biss jekk il-prodott finanzjarju jinkludi investimenti sostenibbli b'objettiv soċjali]*



X'investimenti huma inklużi taħt “#2 Oħrajn”, x'inhu l-iskop tagħhom u kien hemm xi salvagwardji minimi ambjentali jew soċjali?



Huwa indikat xi indiċi speċifiku bħala parametru referenzjarju biex jiġi ddeterminat jekk dan il-prodott finanzjarju huwiex allinjat mal-karatteristiċi ambjentali u/jew soċjali li jippromwovi? *[inkludi t-taqsima fejn indiċi jkun għe indikat bħala parametru referenzjarju għall-fini li jintlaħqu l-karatteristiċi ambjentali jew soċjali promossi bil-prodott finanzjarju u indika fejn wieheh jista' jsib il-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-indiċi indikat]*

[daħħal nota għall-prodotti finanzjarji meta indiċi jkun għe indikat bħala parametru referenzjarju sabiex jintlaħqu l-karatteristiċi ambjentali jew soċjali promossi bil-prodott finanzjarju]
Il-parametri referenzjarji huma indiċi jiet biex ji tkejjel jekk il-prodott finanzjarju jilħaqx il-karatteristiċi ambjentali jew soċjali li jippromwovi.

- **Kif inhuwa allinjat kontinwament il-parametru referenzjarju ma' kull waħda mill-karatteristiċi ambjentali jew soċjali promossi mill-prodott finanzjarju?**
- **Kif inhu żgurat l-allinjament tal-istrateġija ta' investiment mal-metodoloġija tal-indiċi fuq bażi kontinwa?**
- **Kif ivarja l-indiċi indikat minn indiċi ġenerali tas-suq relevanti?**
- **Fejn tista' tiġi kkonsultata l-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-indiċi indikat?**



Fejn nista' nsib aktar informazzjoni speċifika għall-prodott online?

Aktar informazzjoni speċifika għall-prodott tista' tinstab fuq is-sit web: *[inkludi link għas-sit web imsemmi fl-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament]*

ANNEX II

“ANNEX III

Mudell ta' divulgazzjoni prekontrattwali għall-prodotti finanzjarji msemmin fl-Artikolu 9, il-paragrafi minn 1 sa 4a tar-Regolament (UE) 2019/2088 u fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (UE) 2020/852

Investiment

sostenibbli jfisser investiment f'attività ekonomika li tikkontribwixxi għal objettiv ambjentali jew soċjali, dment li l-investiment ma jagħmilx ħsara sinifikanti lil xi objettiv ambjentali jew soċjali u li l-kompaniji destinatari ta' investiment isegwu prattiki ta' governanza tajba.

It-Tassonomija tal-UE

hija sistema ta' klassifikazzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) 2020/852, li tis tabbilixxi lista ta' **attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli**. Dan ir-Regolament ma jinkludix lista ta' **attivitajiet ekonomiċi soċjalment sostenibbli**. L-investimenti sostenibbli b'objettiv ambjentali jaf ikunu allinjati mat-Tassonomija jew jaf ma jkunux.

Isem il-prodott: [imla]

Identifikatur ta' entità ġuridika: [imla]

Objettiv ta' investiment sostenibbli

Dan il-prodott finanzjarju, għandu l-objettiv ta' investiment sostenibbli? [immarka u imla kif rilevanti, iċ-ċifra perċentwali tirrappreżenta l-impenn minimu għal investimenti sostenibbli]

●● ✘ Iva

Se jkollu investimenti sostenibbli b'objettiv ambjentali ta' mill-inqas: ___%

f'attivitajiet ekonomiċi li jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli skont it-Tassonomija tal-UE

f'attivitajiet ekonomiċi li ma jikkwalifikawx bħala ambjentalment sostenibbli skont it-Tassonomija tal-UE

Se jkollu dan il-minimu ta' investimenti sostenibbli b'objettiv soċjali: ___%

● ● □ Le

Ikun jippromwovi karatteristiċi Ambjentali/Soċjali (A/S) u, filwaqt li l-objettiv tiegħu mhuwiex l-investiment sostenibbli, se jkollu proporzjon minimu ta' ___% ta' investimenti sostenibbli

b'objettiv ambjentali f'attivitajiet ekonomiċi li jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli skont it-Tassonomija tal-UE

b'objettiv ambjentali f'attivitajiet ekonomiċi li ma jikkwalifikawx bħala ambjentalment sostenibbli skont it-Tassonomija tal-UE

b'objettiv soċjali

Jippromwovi karatteristiċi A/S, imma **mhux se jagħmel xi investiment sostenibbli**



L-indikaturi tas-sostenibbiltà jkejl u kif jinkisbu l-objettivi tas-sostenibbiltà ta' dan il-prodott finanzjarju.

X'inhu l-objettiv ta' investiment sostenibbli ta' dan il-prodott finanzjarju? [indika l-objettiv ta' investiment segwit mill-prodott finanzjarju, iddeskrivi kif l-investimenti sostenibbli jikkontribwixxu għal objettiv ta' investiment sostenibbli u indika jekk ġiex indikat parametru referenzjarju bil-fini li jintlaħaq l-objettiv ta' investiment sostenibbli. Għall-prodotti finanzjarji msemmin fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (UE) 2020/852, fir-rigward ta' investimenti sostenibbli b'objettivi ambjentali, elenka l-objettivi

ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament li għalihom l-investiment sostenibbli sottostanti għall-prodott finanzjarju jikkontribwixxi. Fir-rigward tal-prodotti finanzjarji msemmijin fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) 2019/2088, indika li l-prodott finanzjarju għandu l-objettiv li jnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju u spjega li l-parametru referenzjarju jikkwalifika bħala Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew bħala Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi skont it-Titolu III, il-Kapitolu 3a tar-Regolament (UE) 2016/1011, u indika fejn wieheh jista' jsib il-metodoloġija użata għall-kalkolu ta' dan il-parametru referenzjarju. Fejn ma jkun disponibbli l-ebda Parametru Referenzjarju tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE jew Parametru Referenzjarju tal-UE allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi kkwalfikat f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1011, iddeskrivi dan il-fatt, u kif huwa żgurat l-isforz kontinwu biex jintlaħaq l-objettiv tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju bil-ħsieb li jinkisbu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-punt sa fejn il-prodott finanzjarju jikkonforma mar-rekwiżiti metodoloġiċi stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1818]

● **X'indikaturi tas-sostenibbiltà jintużaw biex jitkejjel il-ksib tal-objettiv ta' investiment sostenibbli ta' dan il-prodott finanzjarju?**

L-impatti avversi prinċipali huma l-aktar impatti negattivi sinifikanti ta-deċiżjonijiet ta' investiment fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà relatati ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u ta l-impjegati, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-għieda kontra l-korruzzjoni u kwistjonijiet kontra t-tixħim.

● **L-investimenti sostenibbli, kif ma jikkawżaw ħsara sinifikanti lil xi objettiv ta' investiment ambjentalment jew soċjalment sostenibbli?**

Kif ġew ikkunsidrati l-indikaturi għall-impatti avversi fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà? [spjega kif jitqiesu l-indikaturi għall-impatti avversi fit-Tabella 1 tal-Anness I u kwalunkwe indikatur rilevanti fit-Tabelli 2 u 3 tal-Anness I]

L-investimenti sostenibbli kif inhum allinjati mal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem? [inkludi spjegazzjoni dwar l-allinjament mal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, inklużi l-prinċipji u d-drittijiet stipulati fit-tmien konvenzjonijiet fundamentali identifikati fid-dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u fil-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem]



Dan il-prodott finanzjarju, iqis l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà?

■ Iva [jekk il-prodott finanzjarju jqis l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà, inkludi spjegazzjoni ċara u raġunata ta' kif iqis l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà. Fl-informazzjoni li għandha tiġi divulgata skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2019/2088, indika fejn hija disponibbli l-informazzjoni dwar l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà]

■ Le



Xi strateġija ta' investiment isegwi dan il-prodott finanzjarju? [ipprovi deskrizzjoni tal-istrateġija ta' investiment u indika kif l-istrateġija hija implimentata fil-proċess ta' investiment fuq bażi kontinwa]

L-istrateġija ta' investiment ti ggwida d-deċiżjonijiet ta' investiment ibbażati fuq fatturi bħalma huma l-objettivi tal-investiment u to lleranza tar-riskju.

● **X'inhuma l-elementi vinkolanti tal-istrateġija ta' investiment użati biex jintgħażlu l-investimenti biex jintlaħaq l-objettiv ta' investiment sostenibbli?**

Prattiki ta' governanza tajbin jinkludu l-istrutturi ta' ġestjoni tajba, ir-relazzjonijiet mal-impjegati, ir-remunerazzjoni tal-persunal u l-konformità mar-regoli tat-taxxa.



L-allokkazzjoni tal-assi tiddekrivi s-sehem tal-investimenti f'assi speċifiċi.

[daħħal nota għall-prodotti finanzjarji biss imsemmijin fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu tar-Regolament (UE) 2020/852]


L-attivitajiet allinjati mat-tassonomija huma espressi b'haletta sehem:

- **mill-fatturat** li jirrifletti s-sehem tad-dħul minn attivitajiet ekoloġiċi ta l-kumpaniji destinatari ta' investiment
- **min-nefqa kapitali** (CapEx) li turi l-investimenti ekoloġiċi magħmula minn kumpaniji destinatari ta' investiment, pereż. għal tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika.
- **min-nefqa operazzjonali** (OpEx) li tirrifletti l-attivitajiet operattivi ekoloġiċi tal-kumpaniji destinatari ta' investiment.

● **X'inhi l-politika biex jiġu vvalutati l-prattiki ta' governanza tajba tal-kumpaniji destinatari ta' investiment?**

Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0028425-0004 1-4				
Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)
Propan-2-ol		Sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	30,3

Meta SPC 5

1. Informazzjoni amministrattiva tal-Meta SPC 5

1.1. **Identifikatur tal-Meta SPC 5**

Identifikatur	Meta-SPC 1.5
---------------	--------------

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-5
-------	-----

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	TP 02 - Diżinfettanti u alkaċidi li mhumiex maħsuba għall-użu dirett fuq il-bnedmin jew l-annimali TP 04 - Żoni tal-ikel u tal-għalf
--------------------	---

2. Kompożizzjoni tal-Meta SPC 5

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 5**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)	
					Min	Mass
Propan-2-ol		Sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	30,3	30,3

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 5**

Formulazzjoni/Formulazzjonijiet	AL - Kwalunkwe likwidu ieħor
---------------------------------	------------------------------

3. Dikjarazzjonijiet ta' periklu u ta' prekawzjoni tal-meta SPC 5

Dikjarazzjonijiet dwar Periklu	Likwidu u fwar li jaqbdu. Jaġħmel irritazzjoni serja lill-ġhajnejn. Jista' jikkawża ħedla jew sturdament. Espożizzjoni ripetuta tista' tikkaġuna nixfa jew qsim tal-ġilda.
Dikjarazzjonijiet dwar Prekawzjoni	Biegħed mis-sħana, uċuħ jaħarqu, xrar tan-nar, fjammi miftuħa u sorsi oħra li jaqbdu. – Tpejjipx. Ilbes protezzjoni għall-ġhajnejn. Ilbes protezzjoni għall-wieċ.

4. Użu awtorizzat tal-meta SPC 5

4.1. **deskrizzjoni użu****Tabella 5. Uża # 1 – Uża #5.1 – Dizinfazzjoni ta' wċuħ li jiġu f'kuntatt mal-ikel u dawk li ma jiġux bi sprej bil-grillu**

Tip ta' Prodott	TP 02 - Diżinfettanti u alkaċidi li mhumiex maħsuba għall-użu dirett fuq il-bnedmin jew l-annimali TP 04 - Żoni tal-ikel u tal-ġhalf
Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	isem komuni: Bacteria istadju iżvilupp: ebda data isem komuni: Yeasts istadju iżvilupp: ebda data
Qasam tal-użu	Indoor Dizinfazzjoni ta' uċuħ ibsin mhux porużi li jkollhom kuntatt mal-ikel u dawk li ma jkollhomx fi Kċejjen kummerċjali, Catering, Proċessar ta' ikel u Bejgħ bl-Imnut ta' ikel, Canteens, Kmamar tal-banju u Tojlights f'lukandi, restoranti, ħwienet, skejjet, uffiċċji.
Metodu(i) ta' applikazzjoni	Metodu: Sprejjar bil-grillu Deskrizzjoni dettaljata: Applikazzjoni diretta fuq uċuħ ibsin mhux porużi bl-isprejjar bil-grillu.
Rata (rati) ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' Applikazzjoni: madwar 18 ml/m ² f'temperatura tal-kamra Dilwizzjoni (%): 0 Numru u ħin tal-applikazzjoni: Kif meħtieġ
Kategorija(i) tal-utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Kontenitur tal-HDPE ta' 0,5 litri – 10 litri (bi sprej bil-grillu)

4.1.1. Uża speċifika istruzzjonijiet għall-użu

Applikazzjoni permezz ta' sprejjar bil-grillu: Iftaħ iż-żennuna qabel l-użu. Għall-aqwa riżultati żomm il-flixxkun wieqaf u applica minn distanza ta' minn 10 ċm sa 20 ċm. Ara li l-uċuħ ikunu kompletament imxarra (mass. 18 ml/m², li jikkorrispondi għal 29 sprejjatura/m²). Ħalliħ jieħu effett għal 30 sekonda għal batterji u ħmejjer. Agħlaq dejjem iż-żennuna wara l-użu.

Tħallatx il-prodott ma' prodotti oħra. M'għandekx tferra' kwalunkwe prodott mhux użat lura fil-kontenitur oriġinali.

4.1.2. Miżuri ta' 'mitigazzjoni tar-riskji speċifika għall-użu

Evita l-kuntatt mal-għajnejn.

4.1.3. Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajjnuna u miżuri ta' 'emerġenza biex jiproteġu l-ambjent

Effetti Potenzjali fuq is-Saħħa

Għajnejn - Jagħmel irritazzjoni serja lill-għajnejn.

Ġilda - Mhux magħruf jew mistenni li ssir ħsara lis-saħħa waqt l-użu normali.

Inġestjoni - Mhux magħruf jew mistenni li ssir ħsara lis-saħħa waqt l-użu normali.

Mit-teħid bin-nifs - Jekk jittieħed bin-nifs jista' jikkawża effetti fuq is-sistema nervuża ċentrali.

Esponiment Kroniku - Mhux magħruf jew mistenni li ssir ħsara lis-saħħa waqt l-użu normali.

Miżuri tal-ewwel għajjnuna

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ bl-ilma. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkun faċli biex tneħħihom. Komplilahlah għal 5 minuti. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

F'KAŻ TA' KUNTATT MAL-ĠILDA: Neħħi l-ħwejjeġ kontaminati kollha u aħsilhom qabel terġa' tilbishom. Aħsel il-ġilda bis-ilma. Jekk ikun hemm irritazzjoni tal-ġilda: Ikkonsulta tabib.

JEKK JINBELA': Laħlaħ ħalqek. Agħti xi ħaġa biex tixrob, jekk persuna esposta tista' 'tibra'. Tinduċix rimettar. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: Imxi għall-arja friska u żomm mistrieħ f'pożizzjoni komda biex tieħu n-nifs. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

4.1.4. Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu (5.4).

4.1.5. Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu (5.5).

5. STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU (*) TAL-META SPC 5

5.1. Istruzzjonijiet għall-użu

Jekk jogħġbok irreferi għall-istruzzjonijiet għall-użu speċifika għal meta-SPC 5

5.2. Miżuri ta' 'mitigazzjoni ta' riskju

Jekk jogħġbok irreferi għall-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifika għal meta-SPC 5

(*) L-istruzzjonijiet għall-użu, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji u struzzjonijiet oħra għall-użu taħt din it-taqsimha huma validi għal kull użu awtorizzat fi ħdan il-meta SPC 5.

5.3. **Partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u l-miżuri ta' emerġenza biex jiproteġu l-ambjent**

Jekk jogħġbok irreferi għall-informazzjoni speċifika għal meta-SPC 5

5.4. **Istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu**

Prodott

Fejn huwa possibbli huwa ppreferut ir-riċiklaġġ mir-rimi jew inċinerazzjoni. Jekk ir-riċiklaġġ mhux prattiku, iddisponi b'konformità mar-regolamenti lokali. Iddispona mill-iskart f'faċilità għar-rimi ta' skart approvata.

Imballaġġ ikkontaminat

Armi kwalunkwe prodott mhux użat. Kontenituri vojta għandhom jittieħdu f'sit tal-immaniġġjar tal-iskart approvat għar-riċiklaġġ jew rimi. Terġax tuża kontenituri vojta. Armi f'konformità mar-regolamenti lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew internazzjonali.

Residwi tal-prodott

M'għandekx tferrex prodott mhux użat fl-art, fil-korsiji tal-ilma, f'pajpijiet (sink, tojlits...) u lanqas fid-drenaġġ.

Iddisponi minn prodott mhux użat, l-ippakkjar tiegħu u kull skart ieħor, skont r-regolamenti lokali.

5.5. **Kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Aħżen 'il bogħod mid-dawl tax-xemx dirett u f'temperatura bejn 0 °C sa 25 °C

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott: 24 xahar

6. Informazzjoni oħra

L-iskeda ta' data ta' sigurtà u teknika hija disponibbli għal utenti professjonali fuq talba.

Intużaw AEL akut/għal żmien medju/għal żmien twil 17,9 mg/kg bw/jum għall-ħaddiema professjonali u AEL akut/għal żmien medju/għal żmien twil 10,7 mg/kg bw/jum għall-valutazzjoni tar-riskju fir-Rapport ta' Valutazzjoni dwar Propan-2-ol fil-TP2 - il-Ġermanja - (Jannar 2015).

7. It-tielet livell ta' informazzjoni: prodotti individwali fil-meta SPC 5

7.1. **Isem/ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem kummerċjali	Sirafan Speed-FR	qasam tas-suq: EU			
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0028425-0005 1-5				
Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)
Propan-2-ol		Sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	30,3

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/365**tas-16 ta' Frar 2023****li jtemm l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Ukrajna**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(1) u 11(2) tiegħu,

Billi:

1. PROCĊEDURA**1.1. Bidu**

- (1) Wara talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda investigazzjoni ta' rieżami ta' skadenza rigward il-miżuri anti-dumping fis-seħħ fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar ("HRF") li joriġinaw mir-Repubblika Federattiva tal-Brażil ("il-Brażil"), mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran ("l-Iran"), mill-Federazzjoni Russa ("ir-Russja") u mill-Ukrajna ("il-pajjiżi kkonċernati"). Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fil-5 ta' Ottubru 2022 (in-"Notifika ta' Bidu") ⁽²⁾.
- (2) It-talba għal rieżami ġiet ippreżentata fl-4 ta' Lulju 2022 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar EUROFER ("l-applikant") f'isem l-industrija tal-Unjoni ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar ("HRF") fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.
- (3) It-talba kien fiha biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tirriżulta f'rikorrenza u kontinwazzjoni ta' dumping u rikorrenza ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni.

1.2. Partijiet interessati

- (4) Fin-Notifika ta' Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-applikant, lill-produtturi u l-assoċjazzjonijiet magħrufa tal-Unjoni, kif ukoll lill-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni ta' rieżami u stednithom jipparteċipaw.

2. IL-PRODOTT LI QED JIĠI INVESTIGAT

- (5) Il-prodott soġġett għal dan ir-rieżami huma ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar, f'koljaturi jew le (inklużi prodotti "maqtugħa skont id-daqs" u "strixxi dojoq"), mhux maħdumin aktar ħlief b'laminazzjoni termali, mhux miksiġin, indurati jew mgħottijin ("HRF" jew "il-prodott li qed jiġi rieżaminat").

Il-prodotti li ġejjin mhumiex koperti minn dan ir-rieżami:

- (i) prodotti tal-azzar inossidabbli u azzar elettriku tas-siliċju bil-granijiet orjentati,
- (ii) prodotti tal-azzar tal-għodda u tal-azzar li jintuża f'veloċità għolja,
- (iii) prodotti, mhux f'koljaturi, mingħajr diżinjijiet friljev, ta' ħxuna li taqbeż l-10 mm u ta' wiśa' ta' 600 mm jew aktar,
u

⁽¹⁾ ĠUL 176, 30.6.2016, p. 21.

⁽²⁾ ĠUC 384, 5.10.2022, p. 3.

- (iv) prodotti, mhux f'koljaturi, mingħajr diżinj f'riljev, ta' ħxuna ta' 4,75 mm jew aktar iżda li ma taqbiżx l-10 mm u ta' wisa' ta' 2 050 mm jew aktar.

Il-prodott li qed jiġi rieżaminat attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 7208 10 00, 7208 25 00, 7208 26 00, 7208 27 00, 7208 36 00, 7208 37 00, 7208 38 00, 7208 39 00, 7208 40 00, 7208 52 10, 7208 52 99, 7208 53 10, 7208 53 90, 7208 54 00, 7211 13 00, 7211 14 00, 7211 19 00, ex 7225 19 10 (il-kodiċi TARIC 7225 19 10 90), 7225 30 90, ex 7225 40 60 (il-kodiċi TARIC 7225 40 60 90), 7225 40 90, ex 7226 19 10 (il-kodiċijiet TARIC 7226 19 10 91, 7226 19 10 95), 7226 91 91 u 7226 91 99. Dawn il-kodiċi NM u TARIC huma mogħtija għall-informazzjoni biss mingħajr preġudizzju għal bidla sussegwenti fil-klassifikazzjoni tat-tariffi.

3. IRTIRAR TAL-ILMENT

- (6) Fit-23 ta' Novembru 2022 l-applikant irtira t-talba tiegħu għal investigazzjoni ta' rieżami ta' skadenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-Ukrajna.
- (7) Fl-irtirar tiegħu, l-applikant ikkunsidra li, minħabba l-iżviluppi li seħħew minn meta tressqet it-talba (Q1/2022) u, speċjalment, peress li r-rieżami tal-iskadenza nbeda sussegwentement, iċ-ċirkostanzi fir-rigward tal-Ukrajna nbidlu b'tali mod li ma għadux xieraq li ssir revizzjoni tal-iskadenza kontra l-importazzjonijiet tal-HRF mill-Ukrajna. B'mod partikolari, l-applikant irrefera għall-qerda ta' parti kbira tal-kapaċitajiet tal-HRF fl-Ukrajna kif ukoll tal-infrastruttura tal-enerġija tal-Ukrajna. Ir-rikorrent innota wkoll li l-kunflitt militari, jew tal-inqas il-konsegwenzi tiegħu fir-rigward tal-Ukrajna, huwa ta' natura dejjiema. B'mod partikolari, il-kapaċitajiet tal-azzar fl-Ukrajna mhumiex mistennija li jirritornaw għal operazzjonijiet normali fi żmien qasir u għalhekk mhux probabbli li l-esportazzjonijiet tal-HRF mill-Ukrajna jkunu jistgħu jikkontribwixxu għal rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni fi żmien qasir.

4. KONKLUŻJONI U DIVULGAZZJONI

- (8) F'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, l-investigazzjoni tista' tintemm, sakemm tali terminazzjoni ma tkunx fl-interess tal-Unjoni.
- (9) L-investigazzjoni ma kienet żvelat ebda kunsiderazzjoni li turi li din it-terminazzjoni tmur kontra l-interess tal-Unjoni.
- (10) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-investigazzjoni tar-rieżami jenħtieġ li tintemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-importazzjonijiet mill-Ukrajna. Il-Kummissjoni se tkompli l-investigazzjoni ta' rieżami fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-Brażil, l-Iran u r-Russja.
- (11) Billi l-miżuri mhumiex estiżi fir-rigward tal-Ukrajna, kwalunkwe dazju miġbur mid-data tal-bidu tal-investigazzjoni ta' rieżami ta' skadenza fuq merkanzija li ġiet ikklerjata mid-dwana fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina fl-Ukrajna għandu jitħallas lura, dment li dan jintalab mill-awtoritajiet doganali nazzjonali u jingħata minn dawk l-awtoritajiet f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali applikabbli tal-Unjoni dwar il-ħlas lura u l-maħfra tad-dazju. Il-Kummissjoni nnotat li, skont ir-Regolament (UE) 2022/870 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾, id-dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Ukrajna mill-4 ta' Ġunju 2022 jenħtieġ li ma jinġabru fl-ebda ħin. Għalhekk, f'dan il-każ, ma għandu jiġi rimborżat l-ebda dazju minħabba li, qabel id-data tal-bidu tal-investigazzjoni ta' rieżami ta' skadenza, l-Unjoni Ewropea diġà ssospendiet il-għbir ta' dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet Ukreni, inkluż fuq l-HRF.
- (12) Fil-21 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni żvelat lill-partijiet interessati kollha l-intenzjoni tagħha li ttemm l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-Ukrajna u tathom l-opportunità li jressqu l-kummenti tagħhom.
- (13) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment li jwassal għall-konklużjoni li tali terminazzjoni ma tkunx fl-interess tal-Unjoni.
- (14) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2022/870 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 103).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza sa fejn tikkonċerna l-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Ukrajna hija terminata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Frar 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/366

tas-16 ta' Frar 2023

dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737 bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ tas-simna, għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd u għal speċijiet minuri ta' tjur għajr għal skopijiet ta' bajd, u l-awtorizzazzjoni tagħha għall-għasafar ornamentali, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 306/2013, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 787/2013, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1020, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2276 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 107/2010 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 885/2011 (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Kemin Europa N.V.)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti, il-modifika u t-tiġdid ta' tali awtorizzazzjoni.
- (2) Preparazzjoni tal-*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737, li qabel kien identifikat mil-lat tassonomiku bħala *Bacillus subtilis* ATCC PTA-6737, ġie awtorizzat għal perjodu ta' 10 snin bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ għat-tismin bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 107/2010 ⁽²⁾, għat-tiġieġ tal-bajd, għall-papri għat-tismin, għas-summien, għall-faġani, għall-perniċi, għall-fargħuni, għall-ħamiem, għall-wiżż għat-tismin u għan-nagħm bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 885/2011 ⁽³⁾, għall-ħnienes miftuma u għas-Suidae miftuma ħliet *Sus Scrofa domesticus* bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 306/2013 ⁽⁴⁾ u għad-dundjani għat-tismin u għad-dundjani mrobbija għat-tgħammir bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 787/2013 ⁽⁵⁾, għat-tiġieġ tal-bajd u l-ispeċitajiet minuri tat-tiġieġ tal-bajd bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1020 ⁽⁶⁾ u għall-ħnieżer nisa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2276 ⁽⁷⁾.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tal-*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737 għat-tiġieġ tas-simna, għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd u għal speċijiet minuri ta' tjur għajr għal skopijiet ta' bajd, inkluż għal modifika tal-konċentrazzjoni minima tal-aġent attiv fil-preparazzjoni. F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, intbagħtet applikazzjoni oħra għal użu ġdid ta' dik il-preparazzjoni għall-għasafar ornamentali, għasafar tal-isports

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 107/2010 tat-8 ta' Frar 2010 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' *Bacillus subtilis* ATCC PTA-6737 bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Kemin Europa N.V.) (ĠU L 36, 9.2.2010, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 885/2011 tal-5 ta' Settembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tal-*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737) bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ imrobbijin biex ibidu, il-papri għat-tismin, is-summien, il-faġani, il-perniċi, il-fargħuni, il-ħamiem, il-wiżż għat-tismin u n-nagħm (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Kemin Europa N.V.) (ĠU L 229, 6.9.2011, p. 3).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 306/2013 tat-2 ta' April 2013 dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tal-*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737) għall-ħnienes miftuma u Suidae miftuma minbarra *Sus scrofa domesticus* (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Kemin Europa N.V.) (ĠU L 91, 3.4.2013, p. 5).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 787/2013 tas-16 ta' Awwissu 2013 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tal-*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737) bħala addittiv tal-għalf għad-dundjani għas-simna u dundjani mkabbra għat-tgħammir (detentur tal-awtorizzazzjoni Kemin Europa N.V.) (ĠU L 220, 17.8.2013, p. 15).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1020 tad-29 ta' Ġunju 2015 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparat tal-*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737) bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ tal-bajd u għal speċijiet minuri ta' tjur imrobbija għall-bajd (detentur tal-awtorizzazzjoni Kemin Europa N.V.) (ĠU L 163, 30.6.2015, p. 22).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2276 tat-8 ta' Diċembru 2017 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni tal-*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737) bħala addittiv tal-għalf għall-ħnieżer nisa (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Kemin Europa N.V.) (ĠU L 326, 9.12.2017, p. 50).

u tal-kaċċa. Dawk l-applikazzjonijiet talbu li l-addittiv jiġi kklassifikat fil-kategorija tal-addittivi “addittivi żootekniki” u fil-grupp funzjonali “stabbilizzanti għall-batterji li jkun hemm fil-musrana” u kellhom magħhom id-dettalji u d-dokumenti meħtieġa rispettivament skont l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 7(3) ta’ dak ir-Regolament.

- (4) F’konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-modifika tat-termini tal-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta’ *Bacillus subtilis* ATCC PTA-6737 kif stabbilit fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 306/2013, fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 787/2013, fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2015/1020 u fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2017/2276, b’rabta mal-bidla tal-isem tal-addittiv minn *Bacillus subtilis* ATCC PTA-6737 għal *Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737, fir-rigward tat-tassonomija tar-razza. Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-*data* rilevanti li ssostni t-talba għall-bidla, kif jeħtieġ l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (5) Fl-opinjoni tagħha tat-30 ta’ Settembru 2020⁽⁸⁾, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (“l-Awtorità”) ikkonkludiet li l-applikant ipprova evidenza li l-preparazzjoni tal-*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737 tibqa’ sikura għat-tiġieġ tas-simna, għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd u għall-ispeċijiet minuri tat-tjur (għajr għal skopijiet ta’ bajd)⁽⁹⁾, għall-konsumaturi u għall-ambjent, filwaqt li titqies b’mod partikolari l-modifika tal-konċentrazzjoni minima tal-aġent attiv fil-preparazzjoni. Ikkonkludiet ukoll li l-preparazzjoni mhijiex irritanti għall-ġilda u għall-għajnejn u mhijiex sensitizzatur dermali. Barra minn hekk, l-Awtorità kkonkludiet li l-preparazzjoni għandha l-potenzjal li tkun effikaċi bħala addittiv żootekniku għall-għasafar ornamentali, sportivi u tal-kaċċa. L-Awtorità mhijiex tal-fehma li hemm għalfejn jiġu stipulati rekwiżiti speċifiċi għas-sorveljanza ta’ wara t-tqegħid fis-suq.
- (6) Fl-opinjoni tagħha tat-23 ta’ Marzu 2022⁽¹⁰⁾, l-Awtorità kkonkludiet li jenħtieġ li l-addittiv jiġi ddeżinjat tassonomikament bħala *Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737. Ikkonkludiet ukoll li l-addittiv mhux irritant għall-ġilda jew għall-għajnejn jew sensitizzatur tal-ġilda iżda jenħtieġ li titqies bħala sensitizzatur respiratorju.
- (7) F’konformità mal-Artikolu 5(4), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005⁽¹¹⁾, il-Laboratorju ta’ Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 qies li l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet mil-huqa fil-valutazzjoni preċedenti huma applikabbli għall-applikazzjonijiet attwali.
- (8) Il-valutazzjoni tal-preparat tal-*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737 turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Fir-rigward tal-papri għat-tismin, is-summien, il-faġani, il-panni, il-fargħuni, il-ħamiem, il-wiżż għat-tismin u n-nagħm, l-annimali tal-kaċċa u l-għasafar tal-isport dawn jenħtieġ li jitqiesu bħala speċijiet minuri ta’ tjur u għalhekk jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta’ applikazzjoni tat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni. Għaldaqstant, l-awtorizzazzjoni ta’ dak l-addittiv jenħtieġ li tiġi għat-tismin, għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd u għall-ispeċijiet minuri tat-tjur għajr għal skopijiet ta’ bajd u jenħtieġ li l-użu ta’ dak l-addittiv jiġi awtorizzat għall-għasafar ornamentali.
- (9) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi xierqa sabiex jiġu evitati effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, b’mod partikolari fir-rigward tal-utenti tal-addittiv. Dawk il-miżuri protettivi jenħtieġ li jikkonformaw mal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ħaddiema.
- (10) L-isem tal-addittiv jenħtieġ li jiġi ddeżinjat b’mod tassonomiku bħala *Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737 u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 306/2013, ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 787/2013, ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2015/1020 u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2017/2276 jenħtieġ li għalhekk jiġu emendati skont dan.

⁽⁸⁾ EFSA Journal 2020;18(11):6280.

⁽⁹⁾ Tiġieġ għat-tismin, tiġieġ imrobbija għall-bajd u speċijiet minuri ta’ tjur għajr għal skopijiet ta’ bajd

⁽¹⁰⁾ EFSA Journal 2022;20(4):7244.

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 tal-4 ta’ Marzu 2005 dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dmirijiet u l-ħidmiet tal-Laboratorju ta’ Referenza Komunitarju fil-kuntest tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-użu ta’ addittivi fl-għalf tal-annimali (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).

- (11) B'konsegwenza tat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737 bħala addittiv tal-għalf, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 107/2010 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 885/2011 jitħassru.
- (12) Billi l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki tal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737 mhijiex meħtieġa minħabba raġunijiet ta' sikurezza, jixraq li jiġi previst perjodu tranżizzjonali biex il-partijiet interessati jħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mit-tiġdid tal-awtorizzazzjoni u mill-bidla tal-isem tal-addittiv.
- (13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tiġdid tal-awtorizzazzjoni

L-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li taqa' taħt il-kategorija tal-addittivi "addittivi zootekniki" u l-grupp funzjonali "stabbilizzaturi tal-flora intestinali" qed tiġġedded għat-tiġieġ tat-tismin, għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd u speċijiet minuri ta' tjur għajr għal skopijiet ta' bajd, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Awtorizzazzjoni

L-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tagħmel parti mill-kategorija tal-addittivi "addittivi zootekniki" u mill-grupp funzjonali "stabbilizzaturi tal-flora intestinali", hija awtorizzata għal għasafar ornamental, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 3

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 306/2013

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 306/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fit-titolu, il-kelmiet "*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737)" huma sostitwiti bil-kelmiet "*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737".
- (2) Fit-tielet kolonna tal-Anness, "Addittiv", il-kelmiet "*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737)" huma sostitwiti bil-kelmiet "*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737";
- (3) Fir-raba' kolonna tal-Anness, "Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku", il-kelmiet "*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737)" huma sostitwiti bil-kelmiet "*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737".

Artikolu 4

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 787/2013

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 787/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-premessi, il-kelmiet "*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737)" huma sostitwiti bil-kelmiet "*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737";
- (2) Fit-tielet kolonna tal-Anness, "Addittiv", il-kelmiet "*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737)" huma sostitwiti bil-kelmiet "*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737";
- (3) Fir-raba' kolonna tal-Anness, "Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku", il-kelmiet "*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737)" huma sostitwiti bil-kelmiet "*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737".

*Artikolu 5***Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1020**

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1020 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-premessi, il-kelmiet "*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737)" huma sostitwiti bil-kelmiet "*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737";
- (2) Fit-tielet kolonna tal-Anness, "Addittiv", il-kelmiet "*Bacillus subtilis* ATCC PTA-6737" huma sostitwiti bil-kelmiet "*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737";
- (3) Fir-raba' kolonna tal-Anness, "Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku", il-kelmiet "*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737)" huma sostitwiti bil-kelmiet "*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737".

*Artikolu 6***Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2276**

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2276 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-premessi, il-kelmiet "*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737)" huma sostitwiti bil-kelmiet "*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737";
- (2) Fit-tielet kolonna tal-Anness, "Addittiv", il-kelmiet "*Bacillus subtilis* ATCC PTA-6737" huma sostitwiti bil-kelmiet "*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737";
- (3) Fir-raba' kolonna tal-Anness, "Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku", il-kelmiet "*Bacillus subtilis* (ATCC PTA-6737)" huma sostitwiti bil-kelmiet "*Bacillus velezensis* ATCC PTA-6737".

*Artikolu 7***Tħassir**

Ir-Regolament (UE) Nru 107/2010 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 885/2011 jitħassru.

*Artikolu 8***Miżuri tranżitorji**

1. Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, kif ukoll fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 306/2013, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 787/2013, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1020 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2276, u t-taħlitiet lesti minn qabel li jkun fih dak l-addittiv, li jkunu prodotti u ttikkettati qabel id-9 ta' Settembru 2023 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel id-9 ta' Marzu 2023 jistgħu jibqgħu jittqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.
2. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel id-9 ta' Marzu 2024 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel id-9 ta' Marzu 2023 jistgħu jibqgħu jittqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti jekk ikunu maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel.

*Artikolu 9***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Frar 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						CFU/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
Kategorija: addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: stabilizzaturi tal-flora intestinali.									
4b1823i	Kemin Europa N.V.	<i>Bacillus velezensis</i> ATCC PTA-6737	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Preparazzjoni ta' <i>Bacillus velezensis</i> ATCC PTA-6737 li jkun fiha minimu ta' 8×10^{10} CFU/g</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Spori vijabbli ta' <i>Bacillus velezensis</i> ATCC PTA-6737</p> <p><i>Metodu analitiku</i> ⁽¹⁾</p> <p>Enumerazzjoni: metodu tattifrix metodu li juża s-sojja tatripton agar (EN 15784)</p> <p>Identifikazzjoni: il-metodu tal-elettroforeżi fuq metodu ta' elettroforeżi (PFGE). jew metodi ta' sekwenzjar tad-DNA</p>	<p>Tiġieġ għas-simna</p> <p>Tiġieġ imrobbija għall-bajd</p> <p>Speċijiet minuri ta' tjur għajr tjur minuri għall-bajd</p> <p>Għasafar ornamentali</p>	—	1×10^7	—	<p>1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tal-premixxeli, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.</p> <p>2. L-addittiv huwa kompatibbli mal-koċċidjostati li ġejjin, sakemm dawn ikunu awtorizzati għall-ispeċijiet rilevanti: diklażuril, dekokinat, sodju tas-salinomiċina, narsin/nikarbażin, lasalocid A sodju, ammonju tal-maduramiċina, sodju tal-monensina, narsin jew idroklorur tar-robenidina.</p> <p>3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs.</p>	id-9 ta' Marzu 2033

⁽¹⁾ I-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_mt

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2023/367 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tad-19 ta' Jannar 2023

dwar il-prorogazzjoni tat-tul tal-mandat tal-Kumitat ta' Inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Konferenza tal-Presidenti,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 226 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEFA tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2022/480 tiegħu tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2022 dwar it-twaqqif ta' kumitat ta' inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti, u d-definizzjoni tas-suġġett tal-inkjesta, kif ukoll ir-responsabbiltajiet, il-kompożizzjoni numerika u l-mandat tal-Kumitat ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 208(11) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kumitat ta' Inkjesta talab li jiġi prorogat it-tul tal-mandat tiegħu sabiex ikun jista' jwettaq b'mod sħiħ u korrett il-mandat tiegħu;
1. Jiddeċiedi li jiproroga b'perjodu ta' tliet xhur it-tul tal-mandat tal-Kumitat ta' Inkjesta.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

R. METSOLA

⁽¹⁾ ĠUL 113, 19.5.1995, p. 1.

⁽²⁾ ĠULL 98, 25.3.2022, p. 72.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)